Fil-Qorti tal-Magistrati (Malta)

Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali

Magistrat Dr. A. Lofaro LL.D. Dip. Stud. Rel.

Awla 9

Il-Pulizija
(Spettur Raymond D'Anastas)
vs
Dennis Borg

Illum 19 ta' Lulju, 2001

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjonijiet dedotti kontra l-imputat fuq imsemmi Dennis Borg, imwieled Pieta fit-23 ta' Awissu, 1978 u ghandu karta tal-identita Nru. 454078M li permezz taghhom huwa gie akkuzat :

Talli fil-lejl ta' bejn it-tnejn u t-tlieta ta' Gunju, 2000 gewwa Triq Dragunara Paceville San Giljan ingurja jew hedded jew ghamel offiza fuq il-persuni ta' PS 547 Martin Agius, PC 1416 Peter Paul Attard, PC 52 Emanuel Agius u PC 1136 Fabian Fleri li huma

persuni inkarigati skond il-ligi minn servizz pubbliku waqt li kienu qed jaghmlu jew minhabba li kienu ghamlu dan is-servizz, jew bil-hsieb li jbezzaghhom jew li jinfluwixxi fuqhom kontra l-Ligi fl-esekuzzjoni ta' dak is-servizz;

Talli fl-istess data, hinijiet, lok u cirkustanzi, attakka jew ghamel rezistenza bi vjolenza jew b'hebb, ta' xorta li ma titqiesx vjolenza pubblika, kontra l-persuni indikati aktar il-fuq, liema persuni huma nkarigati skond il-Ligi minn servizz pubbliku filwaqt li kienu qed jagixxu ghall-esekuzzjoni tal-Ligi jew ta' ordni moghti skond il-Ligi mill-awtorita kompetenti;

Talli fl-istess hin, data, lok u cirkustanzi volontarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew imobbli liema hsara ma tiskorrix l-ghaxar liri Maltin u dan meta ghamel hsara fi qmis ta' PC 52 u li liema hsara saret ghad-dannu tal-Gvern Malti;

Talli fl-istess post, data u cirkustanzi kif ukoll fl-Ghassa ta' San Giljan qal kliem oxxen u dagha fil-pubbliku.

Rat il-kunsens tal-Avukat Generali sabiex dan il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja u semghet lill-imputat fuq imsemmi iwiegeb li ma ghandux oggezzjoni illi l-kaz tieghu jigi trattat bi procedura sommarja.

Semghet lill-imputat debitament assistit jirregistra ammissjoni ghall-impatazzjonijiet kollha dedotti kontra tieghu u dan waqt is-seduta tal-11 ta' Lulju, 2001.

Hija semghet ukoll lill-imputat jobbliga ruhu illi fi zmien gimgha mill-11 ta' Lulju, 2001 huwa kien ser jaghmel tajjeb ghall-hsara kollha ikkawzata minnu kif imsemmi fl-imputazzjoni.

Hija semghet ukoll lill-imputat fuq imsemmi jitlob skuza ta' dak kollu illi kien ghamel.

Il-Qorti semghet lill-Ufficjal Prosekutur jiddikjara illi dan kien incident isolat, kif ukoll illi l-imputat fuq imsemmi kien ikkollabora mal-pulizija matul l-investigazzjonijiet taghha.

Ikkunsidrat :

Illi fuq ammissjoni volontarja tal-istess imputat fuq imsemmi ghall-imputazzjonijiet kollha dedotti kontra tieghu il-Qorti issib lill-istess imputat hati ta’ dawn l-imputazzjonijiet u dan wara li l-Qorti rat l-Artikoli 95, 96, 342, 338(bb) u 325 (d) tal-Kap. 9.

Il-Qorti ikkunsidrat ghall-fini ta’ piena d-dikjarazzjonijiet maghmula kemm mill-imputat fuq imsemmi, kif ukoll mill-Ufficjal Prosekutur u ghalhekk hija tara illi piena karcerarja ma tkunx idonea ghall-akkadut u jkun ferm aktar ta’ beneficcju ghall-imputat kif ukoll ghas-socjeta’ in generali illi l-imputat jinghata opportunita’ sabiex jirriforma ruhu u jaqbad it-triq it-tajba.

Ghaldaqstant wara li l-Qorti rat ukoll l-Artikolu 9 tal-Kap. 152 filwaqt illi tillibera lill-imputat tobbligah li ma jaghmilx reat iehor fi zmien sena mil-lum.

Il-Qorti tiddikjara ghal kull buon fini illi hija spjegat lill-hati bi kliem car ir-responsabbilta tieghu jekk huwa jikkommetti reat iehor matul dan il-perjodu ta’ liberazzjoni taht kundizzjoni.

(ft) Rita Saliba
Deputat Registratur

Vera kopja,

Deputat Registratur